IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI*

ĠUNJU 1945

# *Kotba Bil-Malti Fi Żmien il-Gwerra*

## *Hsibijiet Ta' Nhar il-Vittorja*

*F'DAWN l-aħħar snin li għaddew minn fuqna ke'lna fawra ta' xogħlijiet letterarji bil-Malti; wara sitt snin ta' gwerra l-aktar ħarxa, wara taħwid, għawġ u tbatijiet li bħalhom il-Gżira tagħna qatt ma ġarrbet, il-letteratura tagħna issa bdiet tiżhar u tiżżewwaq b'inwar u ward ta' ġmiel li jgħaxxaq.*

*Dawn il-kotba li ħarġu ma' tul il-gwerra jmissna ngħożżuhom bħala wieħed mill-frottijiet tal-vittorja u fil-waqt li nifirħu u niżżuħajr 'l Alla għar-rebħa kbira li tana ma għandniex ninsew li l-kittieba Maltin għandhom sehem ukoll fir-rebħa għax bil-pinna tagħhom ħeġġew lill-poplu u qawwewlu qalbu biex iħabrek għar-rebħa u bix-xogħlijiet letterarji tagħhom farrġulu qalbu fil-hemm ta' żmien il-gwerra.*

*Din il-ħidma letterarja ma' tul il-gwerra hija l-isbaħ xhieda tal-ħajja u l-ħeġġa tal-ilsien tagħna; kieku l-Malti kien ilsien mejjet jew għari jew mibluqa bħal ma iridu jaħidu l-egħdewwa tiegħu, wara dik it-tagħliba li għaddiet minn fuqna, kien jinqered jew jintemm iraia iraia. Mhux talli ma ntemmx iżda t-tiġrib li għadda minn fuqna serva biex qanqal u ħeġġeġ il-kittieba Maltin u ħajjarhom ifissru bil-kitba Maltija dak li ħass u li għadda minnu l-poplu tagħna.*

*Aħna nifhmu li x-xogħlijiet li ħarġu dan l-aħħar huma frott tal-esperjenza tal-ħajja fiż-żmien ta' qilla li għadda minn fuqna; fihom wieħed jara xejra ta' qawmien fil-ħajja intellettwali tal-pajjiż. Il-gwerra qanqlet għawġ u ġiebet ħerba tal-biki, iżda swiet ukoll biex kixfet qawwiet moħbija fin-natura tal-ġens Malti. Il-magħmudija tad-demm sawbet għotjien ta' sebħ u ta' sedqa fuq niesna li se jiswewlhom mhux ftit wara din il-vittorja li ksibna.*

*Kif l-effett tal-gwerra nħass fix-xejriet kollha tal-ħajja nazzjonali, hekk fil-qasam letterarju feġġew kitbiet imnisslin mit-tagħliba li ġiebet il-gwerra. Aktar ma l-ġrajjiet ikunu kbar aktar jolqtu fuq is-sentimenti għoljin tal-bniedem, sentimenti li ma jistgħux jitfissru tajjeb ħlief minn poeti. Minn hawn ġej li ma' tul il-gwerra ħarġu tmien kotba ta' poeżija bil-Malti; poeżija li tixhed id-dehen, il-fehma, il-qawwa u l-ħeġġa tal-poeti tagħna.* "Il-Għanja tad-Dmugħ" *ta' A. Scalpello Borg,* "Għanjiet Bik-

rija'' *ta' Ġ. Zarb Cousin*, ''Qlub Imjassra'' *ta' Ġ. Mifsud Bonnici*, ''Poeżiji'' *ta' Ġ. Chetcuti*, ''Moħba tal-Qalb'' *ta' Dun Frans Camilleri*, ''Kwiekeb ta' Qalbi'' *ta' K. Vassallo*, ''Mill-Gallerija ta' Żgħożiti'' *ta' A. Buttigieg*, ''Għid taż-Żgħożija'' *ta' Ġ. Pisani; dawn huma ħidmiet li jibqgħu xhieda ħajja tal-qawmien li xxettel fuq il-ħerba tal-gwerra.*

*Hemm fergħa oħra fil-qasam letterarju li tinżamm bħala dokument ta' ħajjet il-poplu: din hija l-fergħa drammatika u hawn kellna damma ta' xogħlijiet li ġiebu 'l quddiem mhux ftit il-letteratura drammatika Maltija li, ikollna nistqarru, għadha mhix mirquma kif imiss,* ''Dejn Mardud'', ''Lejlet il-Milied'', ''Il-Ħames Wieħed'', ''Tifkira'' *u* ''Dar ix-Xjuħ'' *kollha ta' Ivo Muscat Azzopardi,* ''Beritta Bajda ta' Bil-Lejl'' *u* ''Żwieġ il-Mewt'' *ta' A. M. Cassola,* ''Razju Vidal'', *ta' E. Serracino Inglott,* ''Inkwiet fid-Dar'' *ta' Ġ. Galea, dawn id-drammi jistgħu jingħaddu bħala xogħlijiet imsejsin fuq ġrajjiet il-gwerra jew imqanqlin mit-tixjira li tat il-gwerra.*

*Hemm xogħlijiet oħra li jagħmlu ġieħ lill-ilsien tagħna u li dehru mħabba l-gwerra, bħal ma huma d-diskorsijiet ta' Patri Accursio Xerri u l-kotba l-oħra li ħarġet il-*''*Għaqda ta' Qari Tajjeb*'' *fosthom* ''Il-Ħajja ta' Sant Antnin ta' Padwa'' *tal-Prof. P. Pawl Tabone; din il-ħajja u l-oħra ta'* ''Missierna San Pawl'' *ta' S. Gatt, jiswew ħafna biex ikattru l-letteratura biografika bil-Malti; bħal ma l-*''Imsallab'' *ta' P. Accursio Xerri jagħmel sehem sabiħ mir-retorika Maltija. Kotba fuq l-istorja kellna* ''Il-Parroċċa ta' San Pawl tal-Belt'' *ta' Jos. Galea.*

*L-agħar li ħabtet il-proża Maltija għax tneħħi r-*''Raġel Bil-Għaqal'' *ta' Ġ. Galea ebda rumanz ieħor ma ħareġ fi żmien il-gwerra; dan mhux ġej min-nuqqas ta' kittieba, iżda ġej min-nuqqas ta' żmien u ta' sabar imseħbin mal-għawġ u mal-għelt li ġiebet il-gwerra, għax biex taħseb, issawwar u tikteb rumanz kif imiss, trid żmien u sabar mhux ftit.*

*Din il-fawra ta' kotba Maltin nisslet ġibda lejn ilsienna u qanqlet ħrara għat-tagħlim tiegħu u hekk ma naqsux xogħlijiet didaskaliċi. Beda Ninu Cremona, il-grammatiku anzjan Malti, ħareġ it-tieni u t-tielet edizzjoni ta'* ''Tagħlim fuq il-Kitba Maltija'' *u wara dehru* ''Taħriġ għall-Eżamijiet'' *ta' Vic. Apap u* ''Taħriġ fl-Ilsien Malti'' *ta' Karm. Fenech; tliet xogħlijiet ta' regga u tal-ħsieb li jiswew mhux ftit lil dawk li jridu jitgħallmu l-ilsien tagħna jew li jeħtiġilhom jersqu għal eżamijiet fih.*

*Fl-aħħar ma rridux ninsew insemmu ż-*''Żerniq'' *perjodiku mimli tagħlim ta' fejda li nittamaw jisfa' ta' xempju lil perjodiċi oħra li għad joħorġu wara l-vittorja.*